



Brussell, 22 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9966/21

COH 20
FIN 478
SOC 403
CADREFIN 303

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	22 ta' Ġunju 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9584/21	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 6/2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: L-istrumenti finanzjarji taħt il-politika ta' koeżjoni fl-għeluq tal-perjodu 2007-2013: b'mod ġenerali x-xogħol ta' verifikazzjoni ta' riżultati tajbin, iżda għad fadal xi żbalji - Konklużjonijiet tal-Kunsill (22 ta' Ġunju 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 06/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-istrumenti finanzjarji taħt il-politika ta' koeżjoni fl-għeluq tal-perjodu 2007-2013: b'mod ġenerali x-xogħol ta' verifikazzjoni ta' riżultati tajbin, iżda għad fadal xi żbalji", approvat mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fit-3805 laqgħa tiegħu fit-22 ta' Ġunju 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 6/2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

**L-istrumenti finanzjarji taħt il-politika ta' koeżjoni fl-għeluq tal-perjodu 2007-2013:
b'mod ġenerali x-xogħol ta' verifikazzjoni ta riżultati tajbin, iżda għad fadal xi żbalji**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 6/2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti") u l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-Rapport.
- (2) IFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Novembru 2016¹ dwar ir-Rapport Speċjali Nru 19/2016 tal-Qorti "L-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE permezz ta' strumenti finanzjarji - tagħlimiet li għandhom jinsiltu mill-perjodu tal-programm 2007-2013" u tal-25 ta' April 2017² dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 36/2016 "Valutazzjoni tal-arranġamenti għall-għeluq tal-programmi tal-koeżjoni u tal-iżvilupp rurali għall-2007-2013".
- (3) JINNOTA li l-awditu tal-Qorti deskritt fir-Rapport iffoka fuq kif l-Istati Membri u l-Kummissjoni vverifikaw l-eliġibbiltà tan-nefqa ddikjarata fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża (FISMs) fl-għeluq tal-programmi operazzjonali mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, kif ukoll fuq kif il-Kummissjoni evalwat id-data u analizzat l-affidabbiltà tad-data fir-rapport finali.
- (4) JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-Rapport għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, b'mod partikolari li:
 - Il-gwida tal-Kummissjoni kienet f'waqtha u adegwata, iżda kienet meħtieġa aktar informazzjoni dwar kif għandu jiġi vvalutat l-istatus tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SME) tar-riċevituri finali;
 - Fir-rigward tal-FISMs ġestiti mill-Grupp tal-BEI, ċerti verifiki ma setgħux jitwettqu minħabba restrizzjonijiet tal-mandat tal-awditjar u limitazzjonijiet tal-ambitu tal-awditur estern;

¹ Dok. 14127/16.

² Dok. 8453/17.

- Il-perjodu estiż ta' eliġibbiltà wassal għal xogħol addizzjonali għall-awtoritajiet tal-awditjar u l-Kummissjoni li dewwem u għamel inqas effiċjenti l-proċess tal-ġheluq;
- L-awtoritajiet tal-awditjar wettqu l-verifiki meħtieġa, madankollu ċerti żbalji baqgħu ma nqabdux minħabba kontrolli ta' eliġibbiltà mhux kompluti;
- L-analiżi finali tal-Kummissjoni tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-FISMs ma kinitx kompluta minħabba data limitata dwar l-ingranaġġ u l-użu mill-ġdid ta' fondi fl-istess perjodu;
- L-affidabbiltà tad-data fis-Sommarju finali tar-rapport tad-data tgiebet.

(5) JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-Rapport għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, b'mod partikolari li:

- Il-gwida tal-Kummissjoni ġiet estiża, inkluż dwar l-oqsma ta' riskju, u tgiebet il-viżibbiltà;
- Il-limitazzjoni regolatorja tal-mandat tal-awtoritajiet tal-awditjar ġiet riżolta b'mod adegwat, inkluż fir-rigward tal-biċċa l-kbira tal-FISMs ġestiti mill-Grupp tal-BEI;
- Il-biċċa l-kbira tad-dgħufijiet identifikati fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar ġew indirizzati fil-gwida tal-Kummissjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020;
- L-affidabbiltà tad-data tgiebet aktar u d-data dwar l-ingranaġġ u l-użu mill-ġdid tal-fondi hija rrappurtata, u dan jipprovdi valutazzjoni aħjar tal-prestazzjoni tal-FISMs.

(6) JINNOTA li b'mod ġenerali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013, il-Kummissjoni indirizzat kwistjonijiet relatati mal-ġheluq billi vvalutat il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għal korrezzjonijiet xierqa u għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 il-problemi dwar l-eliġibbiltà tal-istrumenti għall-SMEs huma inqas probabbli li jokkorru peress li l-leġiżlazzjoni introduċiet strumenti finanzjarji ddedikati biss għall-finanzjament tal-SMEs.

- (7) JISSOTTOLINJA li fi tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, kien hemm 1 058 FISM madwar 25 Stat Membru u l-valur totali tal-kontribuzzjonijiet tal-programm imħallsa għall-istrumenti ammontaw għal EUR 16.4 biljun, inkluż kofinanzjament mill-UE ta' EUR 11.3 biljun permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, kif ukoll permezz tal-Fond Soċjali Ewropew.
- (8) IQIS ir-Rapport bħala kontribut utli għar-riflessjonijiet tal-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar kif jistgħu jkomplu jtejbu l-ħidma tagħhom fil-verifika tal-eliġibbiltà tan-nefqa ddikjarata fir-rigward tal-FISMs fil-perjodi ta' programmazzjoni attwali u li jmiss b'kont meħud tat-tagħlimiet meħuda.
- (9) JIKKONDIVIDI b'mod partikolari l-osservazzjonijiet li ġejjin tal-Kummissjoni għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rapport tal-Qorti:
- Sabiex tkun ippreparata bl-aħjar mod għall-għeluq li ġej tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni supplimentari fil-gwida għall-FISMs b'pariri speċifiċi mmirati lejn ir-riskji identifikati fl-awditi tal-Kummissjoni u tal-Qorti;
 - Fil-metodoloġija tal-awditjar aġġornata tagħha u l-linji gwida għall-għeluq li ġejjin, il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-istruzzjonijiet meħtieġa dwar ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tal-awditjar meta tivvaluta l-eliġibbiltà tan-nefqa tal-FISMs fl-għeluq.
-